IL-KNISJA F'MALTA

**Talb tal-Fidili**

Miġburin bħala l-familja t'Alla ngħollu ħsibijietna u qlubna lejn il-Missier biex il-familji tagħna msaħħin mill-grazzja ta' Kristu, ikunu tassew knejjes ċkejkna fid-dar, fejn dawk li jgħixu fihom jagħtu xhieda tal-imħabba ta'Alla.

Ngħidu flimkien: **Bierek Mulej u qaddes il-familji tagħna.**

- Għall-Papa Franġisku li l-Mulej sejjaħlu biex imexxi l-Knisja tiegħu bl-imħabba, ħalli jgħinu biex iseddaq l-għaqda bejn l-isqfijiet u fost il-Poplu kollu ta' Alla. Nitolbu.
- Għall-mexxejja tan-nazzjonijiet biex l-Ispirtu s-Santu jnebbaħhom ifasslu politika li ġġib 'il quddiem il-valur tal-familja bħala ċ-ċellula fundamentali tas-soċjetà skont il-pjan t'Alla, u biex jgħinu lill-familji fil-bżonn. Nitolbu.
- Għall-familji Nsara, biex il-Mulej li ssiġilla l-għaqda tagħhom bil-preżenza tiegħu waqt iż-żwieg tagħhom, jagħmilhom ċenakli ta' talb u komunitajiet ħajja ta' mħabba, fuq l-eżempju tal-Familja Mqaddsa ta' Nazaret. Nitolbu.
- Għall-miżżewġin li bħalissa għaddejjin minn diffikultajiet biex Alla, għani fil-ħniena, ikunu preżenti fosthom permezz tal-Knisja omm, li turihom li qed tifhimhom u tgħinhom biex jaslu għall-maħfra u r-rikonċiljazzjoni. Nitolbu.
- Għat-tfal, li Sid il-ħajja laqagħhom bil-ferħ u għamilhom xempji għal min irid jidħol fis-saltna tiegħu, biex għall-ħarsien tagħhom nagħrfu nirrispettaw il-ħajja sa mill-ewwel waqt tat-tnissil tagħha u nipprovdulhom trobbija bbażata fuq valuri Nsara. Nitolbu.
- Għaż-żgħażagħ biex il-Mulej, li bierek it-tieġ ta' Kana, jgħinhom jagħrfu s-sbuħija tal-qdusija tal-familja skont il-pjan t'Alla, u jieqaf mal-għarajjes fil-mixja tagħhom lejn iż-żwieġ Nisrani. Nitolbu.

O Alla li tibqa' tħares l-opri ta' jdejk, isma' t-talb tagħna u ibgħat l-Ispirtu Qaddis tiegħek ħalli jdawwal lill-Knisja waqt dan is-Sinodu, biex tikkontempla s-sbuħija tal-imħabba safja li tidher fil-Familja Mqaddsa ta' Nazaret. Għamel Mulej li l-Knisja titgħallem il-libertà u l-ubbidjenza biex twieġeb bil-qawwa u bil-ħniena għall-isfidi li għandhom quddiemhom il-familji fid-dinja tal-lum. Bi Kristu Sidna.  Ammen.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org